MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2011

Numru 1105/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**(Spt. Christopher Pullicino)**
**vs**
**Aldo Cardona**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Aldo Cardona** ta’ 36 sena, bin Carmel u Adalgisa nee’ Galea, imwieled San Giljan nhar id-29 ta’ Gunju, 1975, residenti numru 33, Sunflower Court, Flat 1, Triq l-Ghabex, San Pawl il-Bahar u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 295875M;

Talli f’dawn il-Gzejjer, fit-30 ta’ Serttembru, 2011 u/jew fix-xhur ta’ qabel, ghad li ma kienx wiehed mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a)(b) u (c) ta’ l-Artikolu 42 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, b’xi mod li jkun, xjentement ghen jew assista lil awtur jew lil awturi ta’ delitt ta’ serq fl-

atti li bihom id-delitt gie ippreparat jew ikkunsmat, u dan dwar serqa mill-fond Express Garage fi Triq il-Kappella ta' Santa Marija, fil-kontrada tal-Mghatab, limiti tan-Naxxar, liema serqa ikkunsmata fil-lejl bejn id-29 u t-30 ta' Settembru, 2011, hija aggravata bil-mezz, bil-valur, li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin cetezmu (€2,329.37) u bil-hin u li saret ghad-detriment ta' Mario Azzopardi u/jew ta' persuna/i u/jew xi entita' u/jew entitajiet ohra.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati.

Rat l-atti tal-kawza;

Stante ammissjoni, l-akkuza tirrizulta pruvata u ghalhekk qed issib lil-imputat hati tal-akkuza kif dedotta kontra tieghu;

Rat l-artikoli 42(d), 261(b),(c) u (f), 263, 267, 270, 278, 279, 281 tal-Kap 9;

Rat id-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni kwantu li l-imputat kien misjub hati ta' delitt ghoxrin sena ilu u li kien illeberat b'kondizzjoni taht l-artikolu 9 tal-fu Kap 152 u dan stante li fil-gurnata tal-Hadd meta tressaq b'arrest l-imputat, ma kellhiex fedina penali stampata tieghu;

Rat illi l-imputat rregistra ammissjoni fi stadju bikri;

Ghalhekk tikkundannah ghal-terminu ta' prigunerija ta' sentejn (2) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputat jikkometti rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien erba (4) snin mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9. Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza;

Stante li  l-prosekuzzjoni ma kellhiex il-kunsens tal-Avukat Generali ghal-procediment sommarju tal-kawza, l-Qorti tordna li l-atti jintbaghtu ghand l-Avukat Generali fi zmien li trid il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------